# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 25/2017 PC**

**Mary Cassar; Ronald Cassar; Edmond Cassar;
Antonella Cassar; Wenzu Cassar; Josephine Cutajar;
Georgina Cutajar; John Hili; Joseph Hili;
Saviour Attard; Grace Cassar; Carmel Cassar;
Tania Portelli; Joe Portelli; Zachary Cassar;
John Paul Cassar; Johnnie Cassar; Joseph Grech;
Miriam Grech; Franklin Grech; u
George Farrugia**

**vs**

**Dr. Samuel Azzopardi Sindku,
u Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiva,
it-tnejn in rappreżentanza
tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex;
u L-Avukat Ġenerali**

**Illum il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

1. Illi l-esponenti huma lkoll *Fixed Hawker*s li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, fir-Rabat, Għawdex, u dan peress illi kienu ilhom għal snin twal jippossjedu liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jagħmlu dan appuntu fil-lok hawn speċifikat - ċioe' liċenzja relattiva għat-twettiq ta' attivita' kummerċjali bħala bejjiegħa *(Hawkers)* 'Fixed', u dawn bħal-liċenzji illi jinħarġu mill-imsemmija awtoritajiet relattivi għas-swieq ta' Marsaxlokk u tal-Belt (kopja tal-liċenzji

rispettivament maħruġa f'isem l-esponenti f'Jannar 2017 u minnhom debitament imħallsa hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A);

2. Illi l-esponenti għalhekk ilhom snin twal jarmaw fil-pjazza su riferita propju bi tgawdija tad-dritt ta' propjeta' fihom rispettivament vestit bil-liċenzji/permessi lilhom maħruġa kif fuq premess, liema dritt huwa protett bl-ogħla liġi f'pajjiżna bħala dritt fundamentali – u ċioe' bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

3. Illi fil-25 ta' Frar 2015 l-esponenti kienu ressqu talba quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex il-Kunsill intimat jiġi inibit *'milli jimplimenta u jaghti effett lid-decizjoni tieghu illi jitrasferixxi lill-fixed-hawkers li jarma*w *mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex ghal Pjazza Savina, ukoll fir-Rabat Ghawdex, sabiex b'hekk ikunu jistghu jibqghu jezecitaw id-dritt taghhom illi jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza kif ilhom jaghmlu ghal ghexieren ta' snin skond il-permessi u licenzji taghhom lilhom mahruga mill-awtoritajiet kompetenti;*

4. Illi bid-digriet minnha mogħti fit-13 ta' Marzu 2015 din l-istess Onorabbli Qorti kienet laqgħet it-talba fuq indikata, b'dan illi ġie akkordat lill-esponenti d-dritt illi pendenti l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet *Mary Cassar et vs. Dr. Samuel* A*zzopardi et no*e (Rik. Ġur. Nru. 13/15 PC) huma ma jiġux ittrasferiti mit-Tokk/Pjazza Indipendenza u hekk ikomplu jeżerċitaw id-dritt tagħhom illi jarmaw fil-post hawn imsemmi mit-Tnejn sas-Sibt kif dettaljat aktar il-fuq (kopja tad-digriet relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. B);

5. Illi din l-Onorabbli Qorti kienet osservat fid-digriet su-riferit:

> *"...din il-Qorti ma tqisx li l-pregudizzju li jista' jigi soffert mir-rikorrenti jillimita ruhu biss ghal danni finanzjarji anzi s-semplici fatt li huma ma gewx ikkonsultati qabel ma ttiehdet decizjoni ta' entita' tali li primarjament tvarjalhom kompletament il-kundizzjonijiet tal-licenzji taghhom li huma gawdew ghal numru konsiderevoli ta' snin tikkonsisti fi pregudizzju ghar rikorrenti li ma jistax jigi kwantifikat bhala danni izda jikkonsisti f'lezjoni ta' diversi drittijiet tar-rikorrenti u dawn jisthoqqilhom jigu ccarati qabel ma tigi mplimentata, jekk ghandha tigi mplimentata, d-decizjoni tal-Kunsill."*

6. Illi matul ix-xhur illi għaddew, u partikolarment f'dawn l-aħħar ġimgħat, irriżulta illi l-Kunsill intimat kien qiegħed jieħu diversi deċiżjonijiet u anke saħansitra jwettaq xogħolijiet in segwitu għall-istess - kollox bil-għan illi meta jkun lest ix-xogħol fi Pjazza Savina l-Monti jibda jarma hemmhekk minflok fit-Tokk/Indipendenza. Dan kif ġie debitament ikkonfermat mill-intimat nomine Dr. Samuel Azzopardi matul ix-xhieda minnu mogħtija quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Marzu 2017 (Rik. Ġur. Nru. 13/15PC);

7. Illi dan jirriżulta wkoll b'mod mill-aktar ċar mill-kontenut tal-minuti relattivi għal-laqgħat miżmuma mill-Kunsill fl-24 Ġunju 2016, fl-1 ta' Lulju 2016, fid-19 ta' Awwissu 2016, fis-6 t'Ottubru 2016 u fil-25 ta' Novembru 2016 (estratti rispettivament ippubblikati fuq il-*websit*e tal-Kunsill hawn annessi u mmarkati bħala Dok. C sa Dok. G);

8. Illi d-deċiżjonijiet illi ttieħdu mill-Kunsill skond kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni hawn annessa jirrigwardaw diversi fatturi lkoll relatati mat-trasferiment kif propost mill-Kunsill - ċioe' li l-bejjiegħa tal-Monti jibdew joperaw minn Pjazza Savina minflok mit-Tokk/Pjazza Indipendenza. Jiġi osservat illi fil-minuti hawn annessi ssir referenza għal:

   (a) Pjanta illi qiegħda titħejja minn Perit Arkitett inkarigat mill-Kunsill;

   (b) Ġbir tal-listi tal-persuni illi jħallsu l-liċenzja relattiva mad-Dipartiment tal-Kummerċ;

   (c) Qsim u preparazzjoni tal-kaxxi fi Pjazza Savina;

   (d) Infurzar ta' kwistjonijiet bħal spazju, ħmieġ u ħinijiet wara li jkun sar it-trasferiment;

   (e) Twaħħil ta' bollards fissi fi Pjazza Indipendenza.

9. Illi dan kollu għal darba oħra sar mingħajr ebda konsultazzjoni mal-esponenti;

10. Illi fil-ġimgħat illi għaddew ġew impittra wkoll il-kaxex mal-art fi Pjazza Savina – liema kaxex lanqas jirriflettu dawk illi fil-preżent jissussistu fit-Tokk/Pjazza Indipendenza u lanqas huma nnumerati wara xulxin kif inhuma l-kaxex fl-imsemmi Tokk/Pjazza Indipendenza;

11. Illi oltre dan irriżulta illi l-Kunsill intimat diġa' ħa xi passi anke f'dan l-istadju - waqt illi għadha pendenti l-kawża 13/15 PC - sabiex l-armar tal-Monti fil-Pjazza t-Tokk ikun ostakolat u ċioe' billi (i) qiegħed tabella tal-parkeġġ fil-post fejn jarma waħda mir rikorrenti; (ii) rama' s-siġra tal-Milied mal-ġenb tal-Pjazza (meta din dejjem kienet armata fin-nofs) u ħalliha fil-post sa Frar 2017, u (iii) qiegħed jibgħat diversi avviżi sabiex il-bejjiegħa tal-Monti ma jarmawx f'ġurnata jew oħra – u dan meta ma jkunx verament neċessarju; (iv) fil-ġranet illi għaddew tressqu xi torċi illi kienu quddiem il monument fil-pjazza sabiex tqiegħdu propju quddiem l-imwejjed/karrijiet tal-esponenti; kollox sabiex lir-rikorrenti jtellifhom fit-twettiq tal-attivita' kummerċjali tagħhom;

12. Illi kien ġie wkoll a konjizzjoni tal-esponenti illi l-Kunsill bi ħsiebu jwaħħal *bollards* fissi fit-Tokk/Pjazza Indipendenza – xogħol illi kien ippjanat illi jsir fil-futur viċin in kwantu illi t-*tender* relattiv kien jidher illi diġa' ġie akkordat u xogħol illi kien ser iservi biss sabiex ir-rikorrenti jiġu effettivament inibiti milli jarmaw fil-Pjazza in kwistjoni

– u dan bi ksur flagranti tad-drittijiet tagħhom kif hawn fuq premess u kif rikonoxxut minn din l Onorabbli Qorti bid-digriet mogħti fit-13 ta' Marzu 2015;

13. Illi nonostante l-fatt illi kienet din l-Onorabbli Qorti stess illi ħasset li jkun opportun illi ma tiġix implimentata d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill sabiex il-Monti jiġi trasferit fi Pjazza Savina – liema deċiżżoni għadha tikkostitwixxi l-mertu tal-kawża pendenti 13/15 PC – l-Kunsill intimat xorta baqa' jippersisti u sal-ġurnata tal-lum qiegħed dejjem ifittex kif ser jostakola u jinibixxi lir-rikorrenti milli jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza u minn hemmhekk ikomplu jwettqu l-attivita' illi minnha huma jaqilgħu l-għixien tagħhom;

14. Illi l-esponenti anke talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta': Inibizzjoni: (Numru 5/17 JVC) kontra l-Kunsill intimat sabiex l-istess Kunsill jigi inibit '*milli bi kwalsiasi mod, u nkluz izda mhux limitatament bit-twahhil ta' bollards u/jew ta' oggetti ohra, jostakola lill bejjiegha tal-Monti, hawnhekk rikorrenti, milli jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Rabat Ghawde*x', u b'hekk pendenti. l-eżitu, ta' dawn l-odjerni proċeduri l-esponenti hawn imsemmija pproteġew id-dritt tagħhom illi jeżer    itaw ix-xogħol tagħhom skond il-liċenzji f'isimhom maħruġa kif fuq dettaljat;

15. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Marzu 2017 in segwitu għat-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 5/2017 JVC) fl-ismijiet *Mary Cassar et vs. Dr. Samuel Azzopardi noe et;*

2. Tiddikjara illi l-aġir tal-Kunsill intimat fil-konfront tal-esponenti kif hawn fuq premess u kull aġir li bih ir-rikorrenti jistgħu jiġu mċaħħda milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom skond il permessi/liċenzji tagħhom huwa abużiv u llegali u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet akkordati lill-istess rikorrenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hekk ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

3. Tagħti dawk ir-rimedji kollha illi jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż danni illi għandhom jiġu likwidati fil-konfront tal-esponenti;

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma illi tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż kollha inkluż tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 5/2017) kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Avukat Ġenerali, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

<u>Eċċezzjonijiet preliminari.</u>

1. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi l-improponibbilita' tat-talba rikorrenti *stant*e illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda vaga u mhux identifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bbażata l-azzjoni;

2. Illi in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mill-atturi u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal Liġijiet ta' Malta. Illi *ai termini* tal-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiġi rilevat li rappreżentanza ġudizzjarja f'każijiet li jiġu intavolati kontra l-Gvern jew entita' tal-Gvern, tali azzonijiet u kawżi għandhom jiġu intavolati unikament kontra kap ta' dipartiment tal-gvern konċernat. Illi *di piu'* l-esponent jirrileva illi huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li dak li qed jillamentaw minnu r-rikorrenti ma jaqax taħt il-manzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u dan peress li d-deċiżijonijiet fuq armar tal-monti u l-bejjiegħa tal monti in ġenerali ma tispettax lill-esponent;

3. Illi in linea preliminari ukoll l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tal-esponent *stant*e huwa ma ħa l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrenti u wisq anqas ġie ddebitat b'xi mandat ta' inbizzjoni fil-konfront tiegħu kif qegħdin jsemmu r-rikorrenti.

4. Illi in linea preliminari ukoll l-esponent jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ġuramentat *stant*e li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ *ad validitatem a* tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil konfront tal-esponent.

5. Illi in linea preliminari ukoll, l-esponent jeċċepixxi n-nullita u l-irritwalita' tar-rikors ġuramentat redatt bħala azzjoni li tħallat talbiet taħt il-liġi ordinarja ma' talbiet taħt il-Kap 319, il-Kap IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'mod partikolari, inkwantu hija azzjoni dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali huwa null billi mhux konformi mar-regoli dwar il-pratikka u l-proċeduri tal-Qrati.

6. Illi in linea preliminari l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l Onorabbli Qorti in kwantu qiegħda biss tintalab li tinvestiga allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, stħarriġ li jispetta lill-Prim'awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu.</u>

7. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet tar rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi l-esponent jeċċepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

9. Illi l-esponent jirrileva illi huwa qatt ma ħa xi deċiżjoni fil-konfront tal-bejjiegħa tal-monti u li ċertament qatt ma ġie maħruġ fil-konfront tal-esponent mandat ta' inibizzjoni hekk kif isemmu r-rikorrenti. Għaldaqstant l-esponent ċertament ma jistgħax jiġi addebitat bil-mertu ta' dan ir-rikors ġuramentat;

10. Illi l-esponent ma kkawża l-ebda danni lir-rikorrenti u m'għandhux jiġi kkundanat iħallas l-ebda somma lill-istess;

11. Illi fi kwalunkwe kas t-talbiet rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuruii.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti l-oħra nomine li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament qed tiġi eċċepita n-nullita tar-rikors ġuramentat *stante* li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ *ad validitatem* a tenur tas-Sub-artikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-Avukat Generali;

2. llli preliminarjament ukoll qed jiġi eċċepiet il-prinċipju *ne bis in idem u lis alibi pendens* stante li bejn il-partijiet hemm pendenti kawża fl-istess ismijiet (Rikors Ġuramentat numru 13/2015 PC) dwar l-istess meritu quddiem din l-Onorabbli Qorti. Għalhekk din il-kawża hi sempliċement sdoppjament tal-proċeduri fuq l-istess mertu u għandha tiġi respinta;

3. llli preliminarjament qed tiġi eċċepita wkoll l-improponibbilita' tat-talba rikorrenti stante illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda vaga u mhux identifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bbażata l-azzjoni;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba attriċi hija legalment improponibbli peress li mhux legalment possibbli li ssir talba għall-inibizzjoni permanenti u/jew konferma permanenti ta' mandat ta' inibizzjoni;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess ukoll m'hemm l-ebda raġuni għaliex id-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Marzu 2017 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 5/2017 fl-ismijiet Mary Cassar et v Dr. Samuel Azzopardi noe et, għandha tiġi perpetwata;

6. Illi in kwantu bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, huwa sottomess b'mod preliminari wkoll li din il-Qorti tal-Maġistrati m'hijiex kompetenti biex tisma' talbiet ta' din ix-xorta', u dana peress li l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħti lill-Prim' Awla tal-Qorti

Ċivili l-ġurisdizzjoni esklussiva li tiddeċidi dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-istess kostituzzjoni; kif ukoll jagħmel l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-Qorti għandha tiddikjara ruħha nkompetenti biex tiddeċidi dwar tali talbiet, bil-konsegwenza li tiċħad tali talbiet attrici;

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, tali talbiet kif ibbażati fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu kwalunkwe deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill, mertu ta' din il-kawża, saret mingħajr ebda ksur tad-disposizzjonijiet relattivi msemmija fir-rikors ġuramentat, u jew bi ksur ta' xi disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

8. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, huwa sottomess li l-għan wara d-deċiżjoni għat-twaħħil ta' *bollards* mill-Kunsill ma kien bl-ebda mod relatat mal-*hawkers,* iżda kien li ma jitħallewx vetturi jidħlu jew jipparkjaw fil-parti pavimentata tat-Tokk/Pjazza Indipendenza, u għalhekk m'huwiex leġittimu għar-rikorrenti li jesiġu likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenza għal tali deċiżjoni;

9. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, m'hemm l-ebda danni li ġew kaġunati lir-rikorrenti per konsegwenza ta' kwalunkwe tip ta' aġir tal-Kunsill;

10. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati u/jew imħallsa mill-Kunsill lir-rikorrenti;

11. Illi l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija huma indipendenti minn xulxin u kull waħda qiegħda tingħata espressament bla preġudizzju għall-oħrajn;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż.

Rat in-Nota tal-atturi tat-8 ta' Ġunju 2018, li biha ċedew il-mertu tal-kawża u ħallew ferm il-kap tal-ispejjeż.
Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż.

Rat ukoll l-atti tal-kawża fl-ismijiet Mary Cassar et. vs. Dr. Samuel Azzopardi et. (Rik. Ġur. Nru. 13/2015) pendenti wkoll quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet intavolata in segwitu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li kien jinibixxi lll-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex, milli jwaħħal *bollards* jew oġġetti oħra fi Pjazza t-Tokk u b'hekk l-atturi, lkoll bejjegħa tal-monti, ma jkunux jistgħu jarmaw il-prodotti tagħhom għall-bejgħ f'dik il-pjazza.[1] It-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kienet saret fil-mori tas-smiegħ ta' kawża oħra li kienu għamlu uħud mill-atturi f'din il-kawża u oħrajn dwar deċiżjoni tal-Kunsill biex ma jħallix lill-bejjiegħa tal-monti jibqgħu jarmaw fil-Pjazza tat-Tokk.[2] Dik il-kawża kienet saret ukoll in segwitu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ieħor kontra l-istess Kunsill.[3] Dawn iż-żewġ mandati kienu nħarġu għax sa dakinhar il-bejjiegħa tal-monti kien għad għandhom liċenzja valida biex jarmaw f'din il-pjazza.

Ġara pero' illi fil-mori tas-smiegħ tal-kawża presenti, din il-liċenzja ġiet irtirata u għalhekk l-atturi ħassew li ma kienx għad baqgħalhom skop għalfejn ikomplu jinsistu fuq it-talbiet tagħhom u ċedew il-mertu tal-kawża, filwaqt illi żammew ferm il-kap tal-ispejjeż.[4]
Din is-sentenza titratta proprju il-kap tal-ispejjeż.

Il-konvenut Avukat Ġenerali f'waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talbiet attriċi f'din il-kawża kien sostna li l-atturi ma segwewx il-proċedua mitluba mill-artikolu 460(1) tal-Kap. 12, u ċioe' l-ħtieġa li qabel ma ssir kawża kontra l-Gvern, kellha ssir id-debita interpellazzjoni. Ma jirriżultax li din l-interpellazzjoni kienet saret kontra l-Avukat Ġenerali qabel ma ġie msejjaħ f'din il-kawża, u għalhekk din l-eċċezzjoni timmerita li tiġi milqugħa,[5] bil-konsegwenza li l-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali in konnessjoni ma' din il-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-atturi.

Minn naħa tiegħu l-konvenuti l-oħra qed jargumentaw li din il-kawża saret inutilment għaliex l-atturi rrepetew l-istess talbiet li kienu għamlu fil-kawża preċedenti (Rik. Ġur. Nru.: 13/2015) u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir kawża oħra in segwitu għall-ħruġ tat-tieni mandat ta' inibizzjoni.[6] Madankollu eżami akkurat taż-żewġ Rikorsi Ġuramentati jagħti stampa differenti minn kif qed jipprovaw ipinġuha dawn il-konvenuti.

Jibda biex jingħad li fil-kawża presenti hemm atturi li ma kienux involuti fl-ewwel kawża.[7]
Hemm ukoll konvenut, l-Avukat Ġenerali,li ma kienx imdaħħal fl-ewwel kawża. Imbagħad il-premessi u t-talbiet fiż-żewġ kawżi huma piuttost differenti wkoll. Permezz tal-ewwel kawża l-atturi kienu qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li ma jippermettix lill-bejjiegħa tal-monti jkomplu jarmaw fi Pjazza it-Tokk fl-istess ħin li dawn il-bejjiegħa kellhom liċenzja valida mid-Dipartiment tal-Kummerċ biex jarmaw f'din il-pjazza. Konsegwentement talbu li tali deċiżjoni tiġi dikjarata nulla a tenur

[1] Ara kopja tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 5/2017(JVC), esebita bħala Dok. H mar-Rikors Ġuramentat presenti a fol. 69 – 71;
[2] Ara atti tal-kawża fl-ismijiet: Mary Cassar et. vs Dr. Samuel Azzopardi et. (Rik. Ġur. Nru. 13/2015 (PC);
[3] Ara kopja tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 10/2015(JVC),esebita bħala Dok. B mar-Rikors Ġuramentat presenti a fol. 34 – 38;
[4] Ara Nota tal-atturi tat-8 ta' Ġunju 2018 a fol. 110.
[5] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti, kif ippresjeduta, tal-1.03.2019 fil-kawża: Edmund Vella et.vs.Monica Tabone et.;
[6] Ara trattazzjoni tal-legali tar-rappresentant tal-Kunsill Lokali fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019 a fol. 119 – 120;
[7] Dawn huma Ronald Cassar, Josephine Cutajar u Wenzu Cassar.

tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, kif ukoll dikjarazzjoni li l-istess deċizjoni kienet tikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, (ħaġa li pero' din il-Qorti mhix kompetenti tagħmel). Minn naħa l-oħra bil-kawża presenti, l-atturi kienu qegħdin joġġezzjonaw għat-tentattivi tal-Kunsill li, minkejja li kien ġia ġie miżmum permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni milli jimplimenta d-deċizjoni tiegħu li ma jħallix il-bejjiegħa tal-monti milli jkomplu jarmaw fi Pjazza t-Tokk, xorta waħda pprova jilħaq l-għan tiegħu bit-tqegħid ta' *bollards* u oġġetti oħra li jostakolaw l-aċċess fiżiku tagħhom għall-istess pjazza.

Ma jirriżultax għalhekk li din il-kawża saret kappriċċjożament, u l-fatt li ġiet irtirata m'għandux jirrifletti ħażin fuq l-atturi, għar-raġuni li din id-deċizjoni ttieħdet biss wara li fil-mori tas-smigħ tal-kawża, ġraw affarijiet li l-atturi ma seta kellhom ebda kontroll fuqhom, u ċioe' l-irtirar tal-liċenzji validi li kellhom biex jarmaw bil-monti fi Pjazza t-Tokk, deċizjoni li ttieħdet unilateralment mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar il-kap tal-ispejjeż, billi tiddikjara li l-ispejjeż tal-konvenut Avukat Ġenerali għandhom ibatuhom l-atturi, filwaqt illi l-kumplament tal-ispejjeż għandhom jissoportuhom il-konvenuti l-oħra nomine li istigaw din il-kawża proprju bl-aġir tagħhom.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur